MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 904/2007

**Joseph Celeste (ID-707855-M)**
**pro et noe**

**Vs**

**Andrea Anderson**
**(ID-132484-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta` Dicembru, tas-sena 2007 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lil attur, is-somma ta` €1,535.06c, rapprezentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma` prezz ta` dvd Samsung Hi-fi System, Icka, Video Camera u playstation debitament mibjugha u konsenjati lil konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittri interpellatorji tas-17 ta` Marzu, 2006 u tas-6 ta` Awissu, 2007 u tal-mandat ta` sekwestru li kien gie pprezentat kontestwalment ma` dan

l-avviz u dan oltre bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` l-ewwel ittra interpellatorja kontra l-konvenut li kien qed jigi msejjah in subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` Dottoressa Melanie Schembri prodotta mill-attur fejn ikkonfermat bil-gurament taghha illi l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum peress illi ma kien sar ebda pagament da parti tal-konvenut.

Innota illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa` ma deherx sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici. Konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallasha cioe` sabiex ihallas lil attur, is-somma mitluba ta` €1,535.06c, bl-imghax legali dekorribbli mis-17 ta` Marzu, 2006 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------